# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 12 ta' Marzu, 2020**

**Kawża Nru. 13**

**Rik. Nru. 479/10JRM**

Joseph **MANICARO** u b'degriet tas-27 ta' Ġunju, 2019, l-atti tal-kawża għaddew f'isem Antonia Manicaro minħabba l-mewt ta' l-attur fil-mori tal-kawża

vs

**MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI** u l-Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat[1]

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fi il-11 ta' Mejju, 2010, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti jitlob li din il-Qorti (a) ssib li d-deċiżjoni tas-16 ta' Frar, 2010, meħuda mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali li twaqqfu milli jkompli jħaddem ir-razzett tiegħu għat-trobbija tal-baqar

[1] Bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2019 dwar l-Avukat tal-Istat (Kap 603) (ara A.L. 329/19)

għall-produzzjoni tal-ħalib hija *ultra vires* għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u għaldaqstant ma tiswiex u hija bla effett; (b) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar periti għal dan il-għan, id-danni mġarrba minnu minħabba d-deċiżjoni msemmija skond ma jitlob l-artikolu 469A(5); u (ċ) tordna lill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jħallsu d-danni hekk likwidati. Talab ukoll l-ispejjeż, magħduda dawk tal-Protest Ġudizzjarju tad-19 ta' April, 2010;

Rat id-digriet tal-Qorti tat-13 ta' Mejju, 2010[2], li bih ordnat li ssir in-notifika tal-atti lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tad-9 ta' Ġunju, 2010, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, jgħidu li l-Avukat Ġenerali mhux il-kontradittur leġittimu w għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża billi Ma kien imdaħħal xejn fil-kwestjoni li dwarha saret il-kawża. Jgħidu wkoll li, fil-konfront tal-Ministeru mħarrek, l-azzjoni waqgħet billi għaddew aktar minn sitt xhur mid-data li ttieħdet id-deċizjoni li minnha qed jilmenta l-attur. Fil-mertu, jgħidu li d-deċiżjoni tal-Ministeru mħarrek hija ġusta billi ttieħdet skond il-liġi, u li dak li wassal għat-teħid tad-deċiżjoni impunjata ġabu b'idejh l-attur innifsu li naqas li jara li jirranġa n-nuqqasijiet li nstabu fir-razzett meta saru l-ispezzjonijiet mill-veterinarji tal-Ministeru;

Rat il-verbal tal-21 ta' Ottubru, 2010[3], li bih l-imħarrkin irtiraw t-tieni eċċezzjoni preliminari li tgħid li l-kawża tressqet wara ż-żmien;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Ottubru, 2010, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tal-Qorti tat-18 ta' Jannar, 2012[4], li bih tat żmien lill-partijiet sabiex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-attur tat-23 ta' Marzu, 2012[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin tal-31 ta' Mejju, 2012[6] bi tweġiba għal din tal-attur;

---

[2] Paġġ. 23 – 4 tal-proċess
[3] Paġ. 564 tal-proċess
[4] Paġ. 668 tal-proċess
[5] Paġġ. 671 – 684 tal-proċess
[6] Paġġ. 691 – 708 tal-proċess

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur jikkontesta ordni mogħti mill-Ministeru mħarrek (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Ministeru") biex joqtol il-bhejjem kollha li kien irabbi għall-produzzjoni tal-ħalib u jwaqqaf l-operat tiegħu mill-fond li huwa juża bħala razzett. Sitt xhur wara, l-attur reġa' tħalla jaħdem mill-istess fond. L-attur jgħid li d-deċiżjoni tal-Ministeru mħarrek tmur lil hinn (*ultra vires*) mis-setgħat tiegħu w għaldaqstant jitlob li jiġi kumpensat għad-danni li ġarrab kemm ir-razzett dam jinżamm magħluq;

Illi, għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi ressqu eċċezzjonijiet preliminari, kif ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu. L-imħarrek Avukat Ġenerali jilqa' billi jgħid li tħarrek għal xejn u għaldaqstant għandu jinħeles milli jibqa' fil-kawża. Il-Ministeru mħarrek, min-naħa l-oħra, jilqa' għall-azzjoni billi jgħid li l-attur intalab jagħlaq ir-razzett u jneħħi l-bhejjem għaliex il-fond ma kienx adegwat. L-attur reġa' ngħata s-setgħa li jaħdem mill-fond meta wettaq dak li ntalab jagħmel. Għaldaqstant, il-Ministeru m'għandu jitqies bl-ebda mod responsabbli għall-ebda ħlas ta' danni fil-konfront ta' l-attur;

Illi bħala fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-attur irabbi l-bhejjem f'razzett li jinsab fi Triq San Tumas f'Ħal Tarxien u minnu jmexxi impriża għall-produzzjoni tal-ħalib bil-permess mill-awtoritajiet kompetenti. Ir-razzett kien inxtara minnu bħala dar f'Settembru tal-1967[7] u mill-bidu kien imexxih bħala razzett;

Illi f'Lulju w Awwissu tal-2007, saru żewġ żjajjar ta' spezzjoni fil-fond (razzett) ta' l-attur minn rappreżentanti tal-Ministeru mħarrek. Ir-rapport[8] li nħareġ wara dawn iż-żjajjar juri li r-razzett u t-tħaddim tiegħu ma kinux konformi mar-regolamenti sanitarji u l-attur intalab jirranġa ż-żamma u t-tħaddim tar-razzett u l-mod tat-trobbija bhejjem (fosthom il-qagħda ta' saħħithom u l-mard jew infezzjonijiet li nstabu fihom) f'numru ta' aspetti tagħhom, u r-razzett tqiegħed fl-agħar kategorija (Kategorija "Ċ"[9]) minn tlieta li

[7] Dokti "JM2" u "JM3", f'paġġ. 52 – 7 tal-proċess
[8] Ara Dok "AG01", f'paġġ. 35 – 40 tal-proċess
[9] Xhieda ta' Dr Gabriella Fumia f'paġ. 601 tal-proċess

l-irziezet kollha f'Malta w Għawdex tqiegħdu dwar il-mod kif jinżammu u jitħaddmu[10]. Saru żjajjar oħrajn ta' spezzjoni f'April u f'Settembru tal-2008. Fit-12 ta' Settembru, 2008[11], l-attur reġa' ntalab jirranġa numru ta' nuqqasijiet li nstabu mill-ġdid fir-razzett;

Illi bis-saħħa ta' ittra maħruġa mill-Ministeru mħarrek fl-14 ta' Settembru, 2009, l-attur intalab jagħlaq ir-razzett u jneħħi l-bhejjem kollha li kien hemm minħabba li kien qed jikser ir-regolameni tal-Unjoni Ewropea. B'riżultat ta' dan, l-attur twaqqaf milli jibqa' jagħti ħalib lill-impriża Malta Dairy Products[12]. Minn laqgħat li saret bejn l-attur u l-Ministeru mħarrek fl-istess żminijiet, jirriżulta li l-attur ingħata żmien biex jibqa' jipproduċi u jbigħ il-ħalib, iżda intrabat, li sa żmien maqbul, jottempera ruħu fuq numru ta' ħwejjeġ oħra li kien jeħtieġlu jirranġa[13];

Illi fis-16 ta' Frar, 2010[14], intalab ineħħi l-bhejjem u jwaqqaf l-operat mill-fond u li, b'seħħ mill-15 ta' April, 2010, ma kienx se jitħalla jdaħħal aktar fl-impjanti tal-MDP ħalib prodott mill-baqar tar-razzett. Fid-19 ta' April tal-2010, l-attur ressaq protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin u żammhom responsabbli għad-danni li kien qed iġarrab[15]. F'Settembru tal-2010, l-attur ingħata s-setgħa provviżorja li jerġa' jkompli jipproduċi u jbigħ il-ħalib f'Settembru, 2010[16], taħt kundizzjonijiet li l-attur intrabat li jwettaqhom. Il-Ministeru mħarrek jgħid li dan seta' jsir biss għaliex, minn żjara li saret fil-fond, il-qagħda tar-razzett marret għall-aħjar[17], minkejja li kien għad baqa' x'isir[18]. Minkejja li l-produzzjoni tal-ħalib hija tajba, il-fond fejn il-produzzjoni qiegħda ssir għadu mhux adegwat[19];

Illi jirriżulta li tul is-snin, madwar ir-razzett ittella' bini fejn joqogħdu n-nies u kienu bdew jitqajmu lmenti min-nies li jgħixu biswit[20]. Il-fond ta' l-attur qed jiġi meqjus mill-Ministeru[21] bħala mhux adegwat anke minħabba dan il-fatt[22];

Illi fil-11 ta' Mejju, 2010, infetħet din il-kawża;

[10] Ara x-xhieda ta' Dr Anthony Gruppetta f'paġ. 592 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "AG1" f'paġ. 589 tal-proċess
[11] Dok. "A" f'paġġ. 9 – 10 tal-proċess
[12] Dok. "B" f'paġ. 11 tal-proċess
[13] Dok. "Ċ" f'paġġ. 12 – 3 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-Avukat Jesmond Manicaro f'paġ. 576 tal-proċess
[14] Dokti. "D" u "AG2", f'paġġ. 14 u 42 tal-proċess
[15] Dok. "Ġ" f'paġġ. 18 – 21 tal-proċess
[16] Xhieda tal-attur f'paġ. 568 tal-proċess
[17] Ara x-xhieda ta' Dr Anthony Gruppetta f'paġ. 593 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "AG" f'paġ. 588 tal-proċess u Dok. "MF1" f'paġġ. 687 – 9 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' Dr Anthony Gruppetta f'paġ. 594 u paġ. 597
[19] *Ibid* paġ. 627
[20] Xhieda ta' Dr Jesmond Manicaro f'paġ. 578 tal-proċess
[21] Xhieda ta' Dr Anthony Gruppetta fil-kontro-eżami, f'paġġ. 627 – 8 tal-proċess
[22] Ara Dok. "E" f'paġġ. 15 – 6 tal-proċess, u Dok. "F" f'paġ. 17 tal-proċess

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonjiet ta' natura legali marbutin mal-każ. Dawn il-konsiderazzjonijiet iridu jsiru fil-qafas dikjarat ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju u jridu jieħdu wkoll qies tat-talbiet attriċi u safejn talbiet bħal dawn jistgħu jintlaqgħu kif magħmula;

Illi l-qorti qabel kull ħaġa oħra sejra tqis l-**ewwel eċċezzjoni preliminari** mressqa mill-imħarrkin, dik li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-kontradittur leġittimu billi ma kellux x'jaqsam mad-deċiżjoni meħuda mill-Ministeru mħarrek, u l-preżenza tiegħu mhix meħtieġa biex tiġi aċċertata l-integrità tal-ġudizzju billi l-proċeduri huma sħaħ u integri bil-preżenza waħedha tal-Ministeru mħarrek;

Illi l-attur ma ressaq l-ebda sottomissjoni dwar din l-eċċezzjoni preliminari;

Illi filwaqt li l-Qorti tara l-ħsieb tal-imħarrek eċċipjent, jidher li hemm x'wieħed jgħid dwar kemm l-istess eċċezzjoni hija mistħoqqa. Dan jingħad għaliex, għalkemm ma ntwera mkien li l-Avukat tal-Istat kien imdaħħal b'xi mod fil-ġrajja li dwarhom infetħet din il-kawża, l-għamla ta' azzjoni hija waħda li f'dan il-każ saret kontra l-amministrazzjoni pubblika. L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li l-Gvern għandu jkun rappreżentat f'kawża minn kap tad-dipartiment "li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni". Fejn ma jkunx hemm kap jew kapijiet ta' dipartimenti li kontrihom tkun tista' titressaq il-kawża, il-Gvern jidher għalih l-Avukat tal-Istat[23];

Illi, b'mod partikolari, Ministru jew il-Ministeru tiegħu mhumiex il-kap ta' dipartiment li ssemmi l-liġi, u l-artikolu 181B(1) ma jridx li Ministru qatt jidher għall-Gvern f'azzjoni quddiem Qorti[24];

Illi għalhekk, l-imħarrek Avukat tal-Istat ma jgħidx sewwa li ddaħħal fil-kawża għalxejn, u għalhekk l-eċċezzjoni preliminari tiegħu ma jmisshiex tintlaqa';

Illi għal dak li jirrigwarda **l-mertu tal-azzjoni attriċi u l-eċċezzjonijiet fil-mertu dwarha,** f'kawża ta' din ix-xorta, il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali huma marbuta ma' għemil amministrattiv li l-parti attriċi qiegħda tattakka. F'dan il-każ, l-attur jgħid ċar u tond li huwa jqis li l-ordni li ngħatalu fl-ittra tad-Dipartiment tas-16 ta' Frar, 2010, kien wieħed lil hinn mis-setgħat ta' min tah u sar bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali;

[23] Art. 181B(2) tal-Kap 12
[24] App. Ċiv. **2.7.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Demicoli vs Ministru tal-Politika Soċjali et***

Illi f'każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-Qorti ma tidħolx fil-mertu tad-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni li tkun ħaddnet xi persuna jew awtorità pubblika, sakemm id-deċiżjoni jew rakkomandazzjoni bħal dik ma titteħidx b'mod lil hinn ('*ultra vires*') mis-setgħat mogħtija lil dik l-persuna jew awtorità li tkun eżerċitat l-għażla jew jekk l-għażla tkun saret bi ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji ta' ħaqq naturali jew inkella ttieħdet fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti jew kontra l-liġi. Fi kliem l-awturi f'dan il-qasam: "*As a general principle it can be said that the courts do not concern themselves with the wisdom of a particular decision; they cannot examine the merits. They can, however, examine whether a public body has exceeded the powers given to it so that its decision is ultra vires or whether the procedure followed in reaching a decision was flawed by a failure to observe the principles of natural justice*"[25];

Illi madanakollu, meta l-Qorti tintalab biex tistħarreġ għemil amministrativ trid tara li dak l-għemil ikun twettaq sewwa. B'dan wieħed jifhem li (a) l-għemil ikun sar taħt jew bis-saħħa ta' liġi; (b) minn persuna jew awtorità li tkun ingħatatilha dik is-setgħa bil-ligi; u (ċ) li hi u twettaq tali setgħa dik il-persuna jew dik l-awtorità tkun inqdiet biha b'mod li ma tużahiex ħażin jew għal għanijiet mhux xierqa. Fejn it-twettiq ta' xi setgħa jġib miegħu l-użu ta' diskrezzjoni, il-liġi trid ukoll li dik id-diskrezzjoni tissejjes fuq kunsiderazzjonijiet rilevanti b'ħarsien tar-regoli ta' ħaqq naturali[26];

Illi jibqa' wkoll il-fatt li meta Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrativ, hija tista' u għandha tgħarbel kif l-persuna jew l-awtorità pubblika tkun wettqet id-diskrezzjoni tagħha u ta' xiex tkun ħadet kunsiderazzjoni f'dak l-eżerċizzju[27], iżda l-Qorti ma għandha qatt tissostitwixxi b'tagħha d-diskrezzjoni li hija bil-liġi mħollija f'idejn dik il-persuna jew awtorità[28]. U għalhekk, sakemm dan l-eżercizzju jibqa' wieħed "ta' kassazzjoni", il-Qorti ma tindaħalx dwar jekk id-deċiżjoni jew l-għemil imwettaq ikunx wieħed sostantivament korrett, sakemm ikun formalment raġonevoli u jaqa' fil-limiti tas-setgħat mogħtija lil dik l-awtorità li tkun wettqet l-istess għemil[29];

Illi fi kliem l-attur, id-deċiżjoni tas-16 ta' Frar, 2010 kienet imsejsa fuq motivazzjoni ulterjuri għal dik mibgħuta lilu mill-Ministeru mħarrek. L-attur jagħti x'jifhem li l-Ministeru mħarrek waqqfu milli jipproduċi l-ħalib għal numru ta' xhur inġustament, jew aħjar sabiex jilħaq għan ulterjuri. Jisħaq li l-qofol wara d-deċiżjoni kien biss l-ilmenti li kienu qegħdin jaslu lill-Ministeru mingħand min joqgħod fl-inħawi tar-razzett minħabba l-pożizzjoni tar-razzett

[25] O. Hood Phillips & Jackson, O. Hood Phillips' Constitutional and Administrative Law, (7th Edit, 1987), f'paġ. 661
[26] P.A. 26.3.2009 fil-kawza fl-ismjiiet ***Henry Calleja vs Kummissarju tal-Artijiet*** (mhix appellata)
[27] P.A. GV **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Attard vs Enemalta Corporation*** (mhix appellata)
[28] P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija***(mhix appellata)
[29] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijet ***Reginal Fava pro et noe vs Supretendent tas-Saħħa Pubblika noe et*** u App. Ċiv. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati et*** fost oħrajn

b'riżultat tal-iżvilupp li kien sar f'dawk l-imkien u l-inkonvenjent li r-razzett kien iġibilhom. Jgħid li, minkejja kollox, il-Ministeru mħarrek mar lura mid-deċiżjoni li kien ħa u awtoriżżah jerġa' jipproduċi il-ħalib;

Illi l-Ministeru mħarrek jiċħad din ix-xilja. Jgħid li l-interess waħdieni tiegħu kien il-ġid u l-ħarsien tal-pubbliku in ġenerali u tas-saħħa pubblika billi jara li l-liġi li tolqot l-indafa u n-negozju tal-ikel titħares kemm f'dak li jolqot iż-żamma tar-razzett u tal-bhejjem li jitrabbew fih u kif ukoll li l-prodott ta' dik it-trobbija ma jkun tal-ebda ħsara għal saħħet il-pubbliku. Jgħid li l-produzzjoni tal-ħalib u l-istabbiliment imorru id f'id, u l-attur ingħata awtoriżżazzjoni li jerġa' jipproduċi u jbigħ il-ħalib biss wara li wettaq uħud mill-obbligi li ġew imposti fuqu u wara li ntrabat li, safejn kien jiddependi minnu, iwettaq ukoll bidliet oħrajn li d-Dipartiment irrakkomandalu;

Illi l-Qorti tqis li l-attur jisħaq li l-għemil amministrattiv li minnu jilminta ma jiswiex għaliex sar bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali. Għall-ewwel jgħid li l-ordni biex ineħħi l-bhejjem u li jieqaf milli jħaddem l-impriża tiegħu ma kienx urih x'kienet ir-raġuni li wasslet għall-ħruġ ta' dak l-ordni. Aktar 'il quddiem (u wara li tressqu x-xhieda), beda jgħid li l-ordni kien "paraventu" biex jaħbi raġuni oħra – jiġifieri dik li r-razzett beda jkun ta' fastidju għal min joqgħod fil-qrib u l-ilmenti li kienu jsiru minn dawk in-nies lill-Ministeru;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-ħarsien tal-prinċipji tal-ħaqq naturali fit-teħid ta' kull deċiżjoni amministrattiva huwa kejl ta' siwi kbir biex jiżgura kemm is-siwi tad-deċiżjoni, iżda aktar minn hekk is-siwi tal-proċess li jkun wassal għal deċiżjoni bħal dik. Jidher li l-ilment tal-attur jirrigwarda r-regola li jingħata raġuni għad-deċiżjoni;

Illi l-għoti u t-tismija ta' raġuni li jkunu wasslu għal deċiżjoni amministrattiva huma għodda meħtieġa li biha wieħed jista' jqis is-siwi ta' dik id-deċiżjoni. Fuq is-saħħa ta' dik jew dawk ir-raġunijiet, wieħed ikun jaf x'ikun wassal lill-awtorità biex tiddeċiedi kif iddeċidiet, x'qieset biex waslet għal deċiżjoni bħal dik[30], u x'rimedju jista' jkollu dwarha. L-awturi jgħallmu li "*The principles of natural justice do not, as yet, include any general rule that reasons should be given for decisions. Nevertheless there is a strong case to be made for the giving of reasons as an essential element of administrative justice. The need for it has been sharply exposed by the expanding law of judicial review, now that so many decisions are liable to be quashed or appealed against on grounds of improper purpose, irrelevant considerations and errors of law of various kinds. Unless the citizen can discover the reasoning behind the*

[30] App. Ċiv. **4.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni*** (mhix pubblikata)

*decision, he may be unable to tell whether it is reviewable or not, and so he may be deprived of the protection of the law. A right to reasons is therefore an indispensable part of a sound system of judicial review. Natural justice may provide the best rubric for it, since the giving of reasons is required by the ordinary man's sense of justice. It is also a healthy discipline for all who exercise power over others. .. .. Notwithstanding that there is no general rule requiring the giving of reasons, it is increasingly clear that there are many circumstances in which an administrative authority which fails to give reasons will be found to have acted unlawfully*"[31];

Illi meta l-Qorti qieset l-argument taż-żewġ partijiet, waslet għall-fehma li x-xiljiet attriċi f'dan ir-rigward ma ġewx ippruvati kif imiss. Ma jistax jingħad li l-ittra-deċiżjoni tas-16 ta' Frar, 2010, kienet nieqsa minn motivazzjoni li wasslet għt-teħid tagħha. Qari mqar mad-daqqa t'għajn tal-istess ittra tagħmilha ċara li d-deċiżjoni ttieħdet minħabba li, fil-fehma tad-Dipartiment, l-attur baqa' ma wettaqx il-bidliet li d-Dipartiment kien qallu jagħmel – kemm fil-kundizzjonijiet tar-razzett u kif ukoll fil-mod tat-tmexxija – xi xhur qabel meta kien diġà nżamm milli jieħu ħalib lill-MDP minħabba dak li ħareġ mill-ispezzjonijiet sanitarji dipartimentali;

Illi, f'dan ir-rigward, tressqu provi ta' min joqgħod fuqhom dwar il-qagħda tar-razzett u tal-mod kif l-attur kien imexxih li ma jħallu l-ebda dubju li d-deċiżjoni li d-Dipartiment iqiegħed ir-razzett fit-tielet kategorija ma kinitx waħda kapriċċuża. L-attur naqas li jipprova li r-razzett tiegħu kien miżmum kif imiss;

Illi għalhekk, safejn il-pretensjonijiet attriċi jinbnew fuq in-nuqqas ta' għoti ta' raġuni mad-deċiżjoni, l-attur ma seħħlux jipprova l-każ;

Illi jekk taħt dan l-ilment huwa jrid jgħid li r-raġuni mogħtija fl-ordni ma kenitx ir-raġuni vera għaliex inżamm milli jkompli jħaddem ir-razzett, kien jaqa' fuqu li juri li kienet din ir-raġuni li għaliha tassew inħarġet dik id-deċiżjoni. Fil-fehma tal-Qorti, l-attur naqas ukoll li jipprova x-xilja li l-Ministeru mħarrek kien taħt pressjoni minn terzi biex jkeċċi lill-attur mir-razzett. Għal kuntrarju, ix-xhieda tal-veterinarju responsabbli mill-ispezzjonijiet u d-dokumenti imressqa b'sostenn ta' dak li nstab fuq is-sit, juru biċ-ċar il-mod kif kien qed jinżamm ir-razzett u l-kundizzjoni tal-bhejjem li minnhom jinħareġ prodott li jitqassam lill-pubbliku. Dan jirrizulta wkoll mill-fatt li, minn darba għal oħra, baqgħu jirriżultaw nuqqasijiet li kellhom l-attur kien intrabat li jindirizzahom u jibqa' ma jwettaqhomx[32]. Id-deċiżjoni tal-imħarrek li jwaqqaf lill-attur minħabba nuqqasijiet li kien jeħtiġilhom ikunu

[31] Wade & Forsyth *op. cit.* paġġ. 440 – 1
[32] Ara x-xhieda ta' Dr Gabriella Fumia, f'paġġ. 659, 660 – 3 tal-proċess

indirizzati ma tistax titqies bħala waħda irraġonevoli, fiergħa jew li ngħatat lil hinn mis-setgħat li l-Ministeru mħarrek għandu fil-liġi. Fuq kollox, kien l-attur innifsu li, l-ewwel iffirma dikjarazzjoni dwar it-titjib rakkomandat li kien irid jagħmel fir-razzett u fil-mod li jrabbi l-bhejjem u kif imexxi l-proċess tal-ħlib tagħhom, u mbagħad, aktar 'il quddiem, talab lid-Dipartiment jagħtih aktar żmien biex itemm dak li ntrabat jagħmel;

Illi fit-tieni lok, li kieku r-raġuni li jsemmi l-attur kienet tassew ir-raġuni vera li minħabba fiha r-razzett tiegħu twaqqaf, ma kien jagħmel l-ebda sens li, ftit wara li l-attur fetaħ din il-kawża, u wara li wettaq xi titjib, id-Dipartiment reġa' awtorizżah provviżorjament li jista' jerġa' jibda jipproduċi u jtella' l-ħalib prodott fir-razzett lill-MDP. Fit-tielet lok, id-Dipartiment ma kellu l-ebda raġuni għaliex jivvinta skuża biex jitlob it-twaqqif tal-ħidma fir-razzett, ladarba l-attur innifsu kien mgħarraf sa minn żmien qabel li, bid-dħul fis-seħħ ta' regolamentazzjoni u normattiva Komunitarja[33], ir-razzett tiegħu u l-ħalib prodott mill-bhejjem imrobbija fih ma kienx se jitħalla aktar jitressaq għall-konsum tal-pubbliku. Fir-raba' lok, minn eżami b'reqqa tal-provi mressqa u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet legali li saru qabel, din il-Qorti ssib li d-deċiżjoni meħuda mid-Diparrtiment kienet waħda raġonevoli u msejsa fuq raġunijiet rilevanti[34]. Fuq kollox, id-deċiżjoni li minnha jilminta l-attur ittieħdet taħt is-setgħat ta' liġi li kienet torbot lill-istess attur[35];

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-attur ma seħħlux jipprova l-**ewwel talba** tiegħu li d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu kienet waħda tabilħaqq abbużiva jew kontra l-liġi. Minħabba f'hekk, dik it-talba mhix se tintlaqa';

Illi ladarba l-Qorti waslet għal din il-fehma, ma jiswa xejn li tqis it-**talbiet attriċi l-oħrajn**, ladarba dawn jiddependu mis-siwi tal-ewwel talba u minn jekk tintlaqax jew le;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Avukat tal-Istat u ssib li huwa mħarrek sewwa biex jibqa' fil-kawża;

**Tilqa l-eċċezzjonijiet** tal-imħarrkin fil-mertu bħala misħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

---

[33] Regolamenti 852/2004KE tad-29 t'April, 2004, dwar l-Iġjene tal-Oġġetti tal-Ikel u 853/2004KE tad-29 t'April, 2004, dwar Ċerti Regoli Speċifiċi ta' Iġjene għall-Ikel li Joriġina mill-Annimali

[34] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **29.1.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġanni Attard vs Direttur-Ġenerali tad-Dipartiment Veterinary & Phyto-SanitaryRegulations***

[35] Art. 36(1)(f) u (ġ) tal-Kap 437

**Tiċħad it-talbiet attriċi** bħala mhux mistħoqqa u la fil-fatt u lanqas fid-dritt; u

**Tordna** li l-attur iħallas **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**12 ta' Marzu, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**12 ta' Marzu, 2020**